

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

2007/2279(INI)

27.2.2008

OPINJONI

tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

għall-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel

dwar il-Green Paper dwar żarmar aħjar ta' bastimenti
(207/2279(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Robert Evans

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu jistieden lill-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel, bħala l-Kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni li se jadotta:

1. Jilqa' b'sodisfazzjon l-analiżi komprensiva tal-Green Paper dwar il-problemi soċjali u ambjentali ewlenin ikkawżati mill-attività ta' żarmar ta' bastimenti fil-pajjiżi tan-nofsinar ta' l-Ażja;
2. Jiġbed l-attenzjoni dwar il-fatt li konvenzjoni ta' l-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (IMO) fil-futur ser tindirizza l-kwistjoni però din mhix maħsuba li tidħol fis-seħħ qabel l-2012, filwaqt li t-talba għaż-żarmar tal-bastimenti ser tilħaq massimu fl-2010, meta mijiet ta' tankers b'buq wieħed ser jiġu eliminati; aktar minn hekk jinnota li hemm defiċjenzi serji fl-interpretazzjoni u fl-infurzar tal-qafas regolatorju eżistenti skond il-Konvenzjoni ta' Basel b'rabta mal-bastimenti fi tmiem l-użu;
3. Jikkunsidra li hemm bżonn li l-UE, tkun fuq quddiem u thegġegħ azzjoni globali, b'għan ċar li jispiċċaw bil-mod il-prattiki attwali taż-żarmar tal-bastimenti fin-nofsinar ta' l-Ażja, u li tersaq lejn l-adozzjoni u l-implimentazzjoni ta' Konvenzjoni internazzjonali li tistabbilixxi standards ambjentali u soċjali għall-partijiet involuti kollha.
4. Jappella għal infurzar aħjar tar-Regolament tat-Trasport ta' l-Iskart permezz ta' kontrolli aktar stretti u monitoraġġ mill-awtoritajiet tal-port fl-Istati Membri u jistieden lill-Kummissjoni sabiex tippreżenta linji gwida f'dan ir-rigward;
5. Jitlob għal strateġija globali li tiżgura li r-riċiklaġġ tal-bastimenti jitwettaq b'mod li daww kollha involuti fil-proċess (is-sidien tal-bastimenti, il-faċilitajiet tar-riċiklaġġ/taż-żarmar, l-Istat ta' Reġistrazzjoni tal-bastiment, l-Istat fejn se jseħħ iż-żarmar tal-bastiment, eċċ.) ikunu kkoordinati u jerfġu s-sehem rispettiv tar-responsabilità tagħhom;
6. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex fil-Konvenzjoni ta' l-IMO fil-futur, jinsistu dwar l-inklużjoni ta' obbligi u dispożizzjonijiet sostanzjali li jiżguraw livell adegwat ta' kontroll; iqis li l-Konvenzjoni fil-futur għandu jkollha rekwiżit li jew jitneħħew il-materjali perikolużi kollha mill-bastimenti li ma jistawx jintużaw aktar qabel ma jintbagħtu għaż-żarmar jew jintbagħtu f'faċilitajiet ta' riċiklaġġ aġġornati b'awtorizzazzjoni speċjali - b'infrastruttura xierqa biex jiġu ttrattati l-materjali kollha fuq il-bastiment (residwi mill-fjuwil, materjal perikoluż) - li jkunu konformi ma' standards speċifiċi ta' sikurezza, sabiex tiġi żgurata s-sikurezza tal-ħaddiema f'dawk il-faċilitajiet, u bl-istandards ambjentali neċessarji, b'mod li ma ssirx ħsara lill-ambjent;
7. Għalhekk, jitlob sabiex kull bastiment li jkun wasal biex jiżżarma u li ma jissodisfax ir-rekwiżiti kollha tal-Konvenzjonijiet internazzjonali u, b'konsegwenza ta' dan ma jkollux ċertifikazzjoni valida maħruġa minn reġistri rikonoxxuti mill-UE, jitqies bħala 'skart' sabiex jiġi żgurat l-irtirar mis-suq mingħajr problemi u sikur ta' daww il-bastimenti li jkunu laħqu l-limitu tal-ħajja' operattiva tagħhom;
8. Jinsisti li għandu jingħata appoġġ immedjat għall-iżvillupp ta' industrija ta' riċiklaġġ tal-

bastimenti ta' l-UE li tkun kompetittiva u nadifa; f' dan il-kontest:

- iħeġġeġ lill-Istati Membri sabiex iżidu d-domanda għal riċiklaġġ nadif billi jimpenjaw ruħhom biex jiżguraw li l-bastimenti ta' l-Istat jiżarmaw b'mod sikur u b'rispett lejn l-ambjent;
 - jemmen li l-iżvilupp ta' l-attivitajiet ta' riċiklaġġ fit-tarzni Ewropej għandhom jiġu appoġġjati fi ħdan il-qafas tal-politiki industrijali, strutturali u ta' koeżjoni ta' l-UE; iqis li l-politika ta' l-UE dwar iż-żarmar tal-bastimenti m'għandhiex tkun immirata biex tneħħi dawk l-attivitajiet mill-pajjiżi ta' l-Ażja tan-Nofsinhar, minħabba l-importanza ekonomika tal-pajjiżi kkonċernati;
9. Iqis li iż-żarmar tal-vapuri se jkompli jkollu impatt soċjali u ekoloġiku anki fil-futur imbiegħed, b'mod partikulari minħabba li l-ammont ta' vapuri li qed jinbnew ilu jiżdied għal numru ta' snin; għalhekk jenfasizza l-importanza kontinwa ta' l-innovazzjoni u l-iżvilupp Ewropej fl-industrija tal-bini tal-vapuri sabiex il-bastimenti jkunu aħjar u jagħmlu inqas ħsara lill-ambjent; għalhekk jistieden lill-Kummissjoni biex tipproċedi b'enerġija kbira bil-programm LeaderSHIP 2015;
 10. Jitlob lill-Kummissjoni biex tipproponi miżuri konkreti għall-promozzjoni tat-trasferiment ta' l-għarfien u tat-teknoloġija sabiex jgħinu lill-postijiet ta' żarmar fin-nofsinhar ta' l-Ażja jikkonformaw ma' standards internazzjonali tas-sikurezza u ta' l-ambjent, u b'mod partikulari ma' l-istandards li se jiġu stabbiliti mill-Konvenzjoni IMO dwar iż-żarmar tal-bastimenti; jemmen li dan l-oġettiv għandu jitqies fil-qafas aktar wiesa' tal-politika ta' l-UE ta' l-għajnuna għall-iżvilupp lejn dawn il-pajjiżi;
 11. Jilqa' b'sodisfazzjon is-suġġeriment tal-Kummissjoni sabiex jiġu stabbiliti skemi ta' ċertifikazzjoni u ta' ttikkettar għal faċilitajiet ta' riċiklaġġ sikuri u nodfa u jikkunsidra li kull ffinanzjar Komunitarju għall-industrija tal-bastimenti għandu jkollu l-kundizzjoni li min ser jibbenefika jrid jagħmel użu minn faċilitajiet bħal dawn;
 12. Jilqa' b'sodisfazzjon il-proposta għall-istabbiliment ta' fond ta' żarmar skond il-“prinċipju ta' min iħammeġ iħallas” u jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex, b'mod determinat, ikomplu jsegwu l-għan għall-ħolqien ta' finanzjament bħal dan fil-livell ta' l-IMO.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data ta' l-adozzjoni	26.2.2008
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 34 -: 0 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Gabriele Albertini, Inés Ayala Sender, Paolo Costa, Michael Cramer, Luis de Grandes Pascual, Christine De Veyrac, Saïd El Khadraoui, Robert Evans, Emanuel Jardim Fernandes, Brigitte Fouré, Georg Jarzembowski, Stanisław Jałowiecki, Dieter-Lebrecht Koch, Sepp Kusstatscher, Bogusław Liberadzki, Marian-Jean Marinescu, Seán Ó Neachtain, Willi Piecyk, Reinhard Rack, Luca Romagnoli, Brian Simpson, Renate Sommer, Dirk Sterckx, Georgios Toussas, Yannick Vaugrenard, Roberts Zīle
Sostitut(i) preżenti għall- votazzjoni finali	Zsolt László Becsey, Philip Bradbourn, Anne E. Jensen, Helmuth Markov, Vladimír Remek, Leopold Józef Rutowicz, Ari Vatanen, Corien Wortmann-Kool